Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima LL.D.

Appell Nru: 176/2015

Il-Pulizja

Vs

Stefan Baluci

Mark Joseph Camilleri

James Cassar

Illum 3 ta' Dicembru, 2015

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellati Stefan Baluci detentur tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 381872M, Mark Joseph Camilleri, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 430875M u James Cassar, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 504574M akkuzati quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Fil-kwalita' taghhom ta' diretturi u/jew segretarji ta' kumpanija u/jew rapprezentanti guridici tas-socjeta' kummercjali 'Prestige Travel Marketing Ltd.' (C 29906), b'indirizz registrat 'Settembrina', Triq M. Debono, Lija, Malta u/jew bhala l-persuni li kienu nkarigati mill-istess socjeta' kummercjali sabiex ihallsu l-pagi dovuti, naqsu billi naqqsu mill-paga, parti minn Notice fil-perjodu ta' bejn l-1 ta' Marzu, 2014, u l-21 ta' Marzu, 2014, ammontanti ghal €184.56, naqsu li jhallsu parti mill-weekly allowance dovut ghall-perjodu ta' bejn l-1 ta' Dicembru, 2013 u l-21 ta'

Marzu, 2014, ammontanti ghall-€64.21 u naqsu li jhallsu parti mill-Bonus Statutorju dovut ghall-perjodu bejn l-1 ta' Dicembru, 2013 u l-21 ta' Marzu, 2014, ammontanti ghal-€70.24, li b'kollox jammontaw ghal tlett mija u dsatax il-ewro u centezmu (€319.01) versu liema ammont kien sar pagament ta' €17.28 fejn l-ammont dovut rimanenti huwa dak ta' tlett mija u ewro u tlieta u sebghin centezmu (€301.73), inkluz it-taxxa u l-bolla, u li kienu dovuti lill-ex impjegata taghhom, u cioe lil Nadesh Ciantar (ID Nr. 249096M), fil-21 ta' Marzu, 2014.

Ghaldaqstante, il-Qorti giet mitluba bir-rispett tordna lill-imputati, ai termini tal-Artikolu 45(1) tal-Kap. 425 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex thallsu il-penali skond il-ligi, kif ukoll tordna lill-imputati, ai termini tal-Artikolu 45(2) tal-Kap 252 tal-Ligijiet ta' Malta, sabiex ihallsu lil Nadesh Ciantar (ID Nru. 249096M) l-ammont ta' tlett mija u wiehed ewro u tlieta u sebghin centezmu (€301.73), ghar-ragunijiet hawn fuq specifikati.

Rat is-sentenza tal -Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tal-25 ta' Marzu, 2015, fejn il-Qorti wara li rat 5, 22(1), 22(2), 23, 25, 36, 45, 46 u 47(2) tal-Kapitolu 452 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-imputati hatja tal-akkuzi kif dedotti kontra taghhom u kkundannathom twiddiba u canfira.

Rat ir-rikors tal-appell tal-Avukat Generali, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fit-8 ta' Mejju, 2015, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti, tirriforma s-sentenza appellata billi filwaqt li **tikkonfermaha** fil-parti fejn sabet lill-imputati ħatja tal-akkużi dedotti kontrihom u kkundannathom twiddiba u ċanfira, tgħaddi sabiex **tikkundannahom** iħallsu multa ta' mhux inqas minn mitejn u tnejn u tletin euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€232.94) u mhux iżjed minn elfejn u tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) hekk kif imposta mil-liġi konsiderando ċ-ċirkostanzi kollha tal-każ odjern, u kif ukoll tgħaddi sabiex tordnalhom iħallsu lil Nadesh Ciantar l-ammont dovut minnhom u ċioe' ta' tlett mija u wieħed ewro u tlieta u sebgħin ċenteżmu (€301.73).

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellati esebita mill- prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant Avukat Generali huma s-segwenti w cioe':-

Illi fis-sitta (6) ta' April tas-sena elfejn u ħmistax (2015) l-esponent irċieva mingħand il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali l-atti proċesswali fl-ismijiet premessi u ħassu aggravat bihom b'mod ċar u manifest in kwantu li kien hemm enunċjazzjoni u applikazzjoni kompletament żbaljata tal-liġi meta l-Ewwel Onorabbli Qorti, wara li sabithom ħatja tal-akkużi kollha dedotti kontrihom u kkundannathom twiddiba u ċanfira, naqset milli tikkundannahom iħallsu l-multa stipulata fil-liġi u kif ukoll sabiex iħallsu l-ammont dovut minnhom lil Nadesh Ciantar u ċioe ta' tlett mija u wieħed ewro u tlieta u sebgħin ċenteżmu (€301.73), hekk kif se jiġi spjegat f'dan ir-rikors t'appell;

Illi fis-seduta tal-ħamsa u għoxrin (25) ta' Marzu tas-sena elfejn u ħmistax (2015) kemm Nadesh Ciantar u kif ukoll Jonathan Caruana, li huwa *case officer* fi ħdan id-Dipartiment tar-Relazzjonijiet Industrijali u tal-Impjieg, xehdu u kkonfermaw li Nadesh Ciantar kienet għadha ma tħallsitx is-somma ta' tlett mija u wieħed ewro u tlieta u sebgħin ċenteżmu (€301.73) dovuti lilha, u dan minkejja l-interpellanzi min-naħa tad-Dipartiment tar-Relazzjonijiet Industrijali u tal-Impjieg biex jitħallas tali ammont hekk kif anke jixhdu id-dokumenti esebiti a fol. 3 *et seq.* tal-atti proċesswali;

Illi artiklu 22 tal-Kapitlu 452 tal-Ligijiet ta' Malta jistipula li:

**22.** (1) Kull prinċipal għandu jħallas jew jara li jitħallsu l-pagi lill-impjegati tiegħu f'intervalli regolari li ma għandhomx ikunu aktar minn erba' ġimgħat b'lura:

...

(2) Mat-tmiem ta' kuntratt ta' servizz il-pagi kollha li jkunu għadhom ma tħallsux u kull kumpens li għandu jitħallas lill- impjegat għall-leave mhux meħud għandhom jitħallsu mad-data tal- jum tal-paga li tiġi minnufih wara iffissata skont is-subartikolu (1) bħallikieku l-kuntratt ma ntemmx.

Illi rigward iż-żmien ta' avviż artiklu 36(10) tal-Kapitlu 452 tal-Liġijiet ta' Malta jistipula li:

(10) Jekk impjegat taħt kuntratt ta' servizz għal żmien bla limitu jonqos li jagħti avviż kif jingħad hawn qabel, **huwa jkun suġġett li jħallas lill-prinċipal somma li tkun daqs nofs il-paga li jkun imissha titħallas dwar iż-żmien tal-avviż.** Jekk il-prinċipal jonqos li jagħti avviż kif imsemmi hawn qabel, huwa jkun suġġett li jħallas lil dak l-impjegat somma li tkun daqs il-paga li jkun imissha titħallas dwar iż-żmien tal-avviż. (Sottolinear u enfasi tal-esponent)

Illi minkejja li l-artiklu suċitat jistipula li f'każijiet bħal fil-każ odjern, l-impjegata Nadesh Ciantar kellha tħallas lill-appellati *qua* imputati somma li tkun daqs nofs il-paga li jkun imissha titħallas dwar iż-żmien tal-avviż, fir-realta' ġara kompletament l-oppost. Dan għaliex l-appellati *qua* imputati qatgħu somma li hija iktar min-nofs il-paga li kien missha titħallas dwar iż-żmien tal-avviż, u għalhekk qatgħu mill-paga ta' Nadesh Ciantar somma li hija iktar minn dik li kienu ntitolati legalment;

Illi, *di piu'* rigward il-ħlas ta' *bonus* statutorju u supplimenti tad-dħul artiklu 23 tal-Kapitlu 452 tal-Liġijiet ta' Malta jistipula li:

**23.** (1) **Kull prinċipal għandu jħallas, jew jara li titħallas, lil kull wieħed mill-impjegati *whole-time* tiegħu dawk il-*bonuses* statutorji** fl-ammont li jista' jiġi stabbilit b'avviż legali maħruġ mill-Ministru tal-Finanzi bis-saħħa ta' dan l-artikolu jew kif il- Gvern jista' jħabbar fl-estimi ġenerali ta' xi sena partikolari:

...

Iżda **l-prinċipal għandu wkoll iħallas, jew jara li jitħallas, lil kull wieħed mill-impjegati *whole-time* tiegħu xi supplimenti tad- dħul fl-ammonti** u fiż-żminijiet li jistgħu jiġu stabbiliti b'avviż legali maħruġ mill-Ministru tal-Finanzi bis-saħħa ta' dan l- artikolu:

Iżda wkoll illi, **meta xi persuna tkun impjegata *whole-time* ma' xi prinċipal partikolari għal perjodu ta' inqas minn sena, dak l- impjegat għandu jkun intitolat li jirċievi mingħand il-prinċipal, jew minn xi prinċipali tiegħu, ammont proporzjonat tal-*bonus* jew ta' supplement tad-dħul u għal għanjiet ta' dan l-**

**<u>artikolu, il- kalkulazzjoni *pro rata* għandha ssir fuq il-bażi tas-sigħat maħduma f'sena:</u>** (Sottolinear u enfasi tal-esponent)

Illi bħala stat ta' fatt rriżulta u ġie ppruvat lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raġuni li s-somma ta' tlett mija u wieħed ewro u tlieta u sebgħin ċenteżmu (€301.73) ma ġietx imħallsa lil Nadesh Ciantar mill-appellati *qua* imputati u li għalhekk dawn tal-aħħar kisru *inter alia* d-disposizzjonijiet ta' Kapitlu 452 tal-Liġijiet ta' Malta. Artiklu 45(1) tal-istess Att tassativament jistipula li f'tali ċirkostanzi kull principal għandu jeħel multa ta' mhux inqas minn mitejn u tnejn u tletin euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€232.94) u mhux izjed minn elfejn u tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37). Is-sentenza mogħtija mill-Ewwel Onorabbli Qorti naqset milli teroga tali multa minkejja li hija sabithom ħatja tal-akkużi dedotti kontrihom;

Illi *di piu'*, konsegwentement u in vista tas-suespost, l-Ewwel Onorabbli Qorti wara li sabet lill-appellati *qua* imputati ħatja tal-akkużi dedotti kontrihom kellha tgħaddi sabiex flimkien mal-multa tordna lill-appellati *qua* imputati sabiex iħallsu lil Nadesh Ciantar l-ammont ta' tlett mija u wieħed ewro u tlieta u sebgħin ċenteżmu (€301.73) hekk kif tassattivament stipulat fl-artiklu 45(2) tal-Kapitlu 452 tal-Liġijiet ta' Malta u hekk kif ġie mitlub fit-taħrika tal-Pulizija. Illi bħal fil-każ tal-multa, is-sentenza mogħtija mill-Ewwel Onorabbli Qorti naqset milli tikkundanna lill-appellati *qua* imputati sabiex iħallsu l-imsemmija flus dovuti minnhom lil Nadesh Ciantar u dan minkejja li hija sabithom ħatja tal-akkużi dedotti kontrihom;

Ikkunsidrat,

Illi fis-seduta ta' llum Jonathan Caruana ghad-Dipartikment tar-Relazzjonijiet Industrijali u Mpieg, informa lill-Qorti li l-parte leza giet imhallsa l-ammont kollu dovut u ma fadlilha l-ebda pretenzjoni ulterjuri.

Illi madanakollu l-Avukat Generali ghandu ragun fl-impunjattiva minnu mressqa illi l-artikolu 45(2) Kap 452 ma jipprevedix bhala piena twiddiba u canfira izda multa b'mod tassattiv ta' bejn €232.96 u €2329.57. Kwindi dan l-aggravju jisthoqqlu

akkoljiment izda fid-dawl tal-fatt illi l-appellati rregolaw ruhhom u hallsu dak dovut minnhom, il-Qorti ser tinfliggi l-piena fil-minimu taghha.

Ghaldaqstant il-Qorti qed tilqa' l-appell tal-Avukat Generali, tikkonferma s-sentenza appellata fil-mertu, izda tvarjha fir-rigward tal-piena inflitta u wara li rat l-art. 45(2) tal-Kap 452 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundanna lill-appellanti ihallsu in solidu u bejniethom multa ta' €232.96.

(ft) Edwina Grima

Imhallef

Franklin Calleja

Deputat Registratur